MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 489/2003

**Anthony Farrugia.**

**vs**

**L-Avukat Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Luisa Tufigno li b'digriet tad-19 ta' Dicembru 2002 gew nominati kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-assenti Mariella Farrugia.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Mejju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Dicembru 1989 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, u cjoe' Heleen u Calissa, ahwa Farrugia li ghandhom tnax il-sena u ghaxar snin (hawn anness kopja ta' certfikat ta' zwieg Dok. "A" u tat-twelid tat-tfal minuri Dok. "B" sa Dok. "C".

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, minacci, nsulti, eccessi u ingurji gravi *da parte* tal-konvenuta.

Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' April 2003 (Dok. "D").

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap.16)** tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minha kienet hatja tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta martu;
3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Heleen u Clarissa, ahwa Farrugia, tigi fdata lill-attur, salv l-access tal-konvenut fil-granet u hinijiet stabbiliti mill-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur, zewgha, ghalih u ghall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet ta' l-attur, pagabbli mill-konvenuta, lill-istess attur, zewgha, fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk xieraq, lill-istess Qorti tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attur jkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenuta.

5. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).**

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet

komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Qorti *in vista, inter alia*, tad-dati tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tigi kkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta billi, *occorrendo* ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-knvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni kollha parafenali tieghu u separatament tordna illi l-attur jigi moghti pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali.

8. Tiddikjara li d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attur u minn uliedu bl-eskluzjoni tal-konvenuta.

9. Tawtorizza lill-attur sabiex jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Publiku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

10. Tipprojbixxi lill-istess konvenuta milli tkompli tuza kunjom il-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenuta li tibqa` ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 12 tal-process;

Rat id-digriet datat 13 ta' Gunju 2003 ghall-prezentata ta' l-affidavits kollha attrici.

Rat id-digriet ghan-nota guramentata datat 13 ta' Gunju 2003;

Rat in-nota ta’ l-eccezjonjiet tal-kuraturi deputati datata 6 ta’ Awwissu 2003 a fol. 23 tal-process fejn eccepew:-

(1) Illi huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet taghhom aktar ‘il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi a fol. 24 tal-process;

Rat in-nota guramentata ta’ l-attur datata 22 ta’ Awissu 2003 a fol. 26 sa fol. 27 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta’ Ottubru 2003; ta’ l-4 ta’ Dicembru 2003; tas-27 ta’ April 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Novembru 2004; u tal-25 ta’ Novembru 2004 fejn il-kawza giet differita ghat-30 ta’ Novembru 2004 ghall-istess skop;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 30 ta’ Ottubru 2003 fejn gie pprezentat affidavit ta’ l-attur, ta’ Philip Forace u ta’ Emily Farrugia minn fol. 30 sa fol. 59 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia datata 6 ta’ Jannar 2004 fejn xehed l-attur stess u Kalcidon Farrugia, missier l-attur;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet minn fejn jirrizulta mix-xhieda prodotti mill-attur, li l-konvenuta abbandunat lill-attur fis-6 ta’ Awissu 2002 billi telqet lejn l-Awstralja u dan sabiex tkun ma’ ragel iehor li hija sabet fuq l-*internet*. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta’ l-attur, fejn jghid li wara xi ghaxart ijiem hija cemplitlu biex tghidlu li ma kinitx gejja lura Malta u li hija kienet f’relazzjoni ma’ ragel ta’ nazzjonalita’ Awstraljana. Jidher

li f'Awisu 2003 hija kellha tifel minn din ir-relazzjoni. Minn Marzu 2003 ma semax iktar dwarha.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha minhabba adulterju *da parte* tal-konvenuta; l-istess ghandha tigi milqugha t-tieni talba attrici.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tat-tfal, dawn ghandhom jigu fdati f'idejn l-attur *stante* li dawn gew abbandunati minn ommhom, li pero' ghandu jkollha dritt ta' access meta hija tkun Malta, u f'Malta biss, ta' darba fil-gimgha kull nhar ta' Erbgha mill-5.00.p.m. sas-6.00.p.m.

Illi ghal dak li huwa manteniment ma jirrizultax mill-provi x'intrjotu ghandha l-konvenuta, ghalkemm jirrizulta li l-attur ghandu mezzi biex imantni lillu innifsu. Dwar il-manteniment ta' l-ulied ma hemm l-ebda manteniment x'jigi likwidat minhabba l-fatt li prova ta' ntrojtu tal-konvenuta f'din il-kawza ma hemmx, pero' jibqa rizervat id-dritt ta' l-attur sabiex ghan-nom tal-minuri jipprocedi kontra l-konvenuta, meta din ikollha xi ntrojtu, sabiex tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-istess minuri mid-data ta' din is-sentenza 'l quddiem, *stante* li ghal qabel l-istess data saru l-provvedimenti opportuni f'din id-decizjoni.

Illi dwar komunjoni ta' l-akkwisti din ghandha tigi ddikjarata xolta b'effett mis-6 ta' Awissu 2002, u dwar likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess, tordna li l-oggetti kollha li jinsabu fid-dar konjugali konsistenti f'ghamara tal-kamra tas-sodda tat-tfal, *televisions*, ornamenti, satellita, *stereo* u *video*, flimkien mal-kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta plc Numri 13415784018 u l-iehor kont kurrenti flimkien mad-dejn mal-Maltacom plc, u l-vettura Alfa 75 jigu assenjati lill-attur b'dan li qed jigu applikati kontra l-konvenuta d-dipozizzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** u wkoll id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** fil-konfront tal-konvenuta ghal dak li jirrigwarda manteniment ghall-minuri mis-6 ta' Awissu 2002 sa llum, *stante* li minn dik id-data l-istess konvenuta ma kkontribwiet bl-ebda mod ghall-manteniment tal-minuri u ma jidhirx li ser tikkontribwixxi ghall-istess. Illi dwar l-Life

Insurance ma' l-Eagle Star din ghandha tigi assenjata lill-attur u l-Life Insurance mal-Middlesea Insurance ghandha tigi assenjata lill-konvenuta, b'dan li l-attur ghandu jithallas tal-*premiums* li huwa hallas minn mindu telqet il-konvenuta lejn l-Awstralja.

Illi jirrizulta wkoll li d-dar matrimonjali 71, Ave Maria, Brared Street, Birkirkara, hija proprjeta' tal-genituri ta' l-attur u l-kamra tas-sodda, u l-kcina li hemm fl-istess fond huma parafernali ghall-attur, filwaqt li l-*appliances*, pjanu u hwejjeg personali tal-konvenuta huma parafernali taghha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss kif fis-sens u kif hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u dan minhabba adulterju *da parte* taghha u ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili (Kap.16)** tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda u dan fis-6 ta' Awissu 2002.

(2) Tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta, martu.

(3)Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Heleen u Clarissa, ahwa Farrugia, tigi fdata lill-attur salv l-access tal-konvenuta meta hija tkun Malta u f'Malta biss ta' darba fil-gimgha kull nhar ta' Erbgha mill-5.00.p.m. sas-6.00.p.m.

(4) Tastenji milli tiehu konjizzjoni tat-talba attrici ghall-manteniment ghalih mill-konvenuta, *stante* li ma hemm l-ebda prova llum dwar l-introjtu tal-konvenuta dwar manteniment ta' l-ulied, ghall-perjodu sad-data tas-sentenza din il-Qorti applikat id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** favur l-attur u kontra l-

konvenuta, u dan fl-assenjazzjoni tal-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, filwaqt li ghall-manteniment jew kontribuzzjoni ta' manteniment mid-data tas-sentenza quddiem din il-Qorti tirrizerva lill-attur, ghan-nom tal-minuri, d-dritt ta' azzjoni talvolta spettanti lilu.

(5) Tapplika kontra l-konvenuta interament id-dispozizzjonijiet ta' **l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).**

(6) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mis-6 ta' Awissu 2002 u dwar il-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess tordna li l-oggetti kollha li jinsabu fid-dar konjugali inkluza f'ghamara tal-kamra tas-sodda tat-tfal, *televisions*, ornamenti, satellita, *stereo* u *video*, flimkien mal-kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta plc Numri 13415784018 u l-iehor kont kurrenti flimkien mad-dejn mal-Maltacom plc u l-vettura Alfa 75 jigu assenjati lill-attur, b'dan li qed jigu applikati kontra l-konvenuta d-dipozizzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** u wkoll id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16** ghal dak li jirrigwarda manteniment ghall-minuri mis-6 ta' Awissu 2002 sa llum, *stante* li minn dik id-data, l-istess konvenuta ma kkontribwiet bl-ebda mod ghall-manteniment tal-minuri u ma jidhirx li ser tikkontribwixxi ghall-istess.

Illi dwar il-*Life Insurance* ma' l-Eagle Star, din ghandha tigi assenjata lill-attur u l-*Life Insurance* mal-Middlesea Insurance ghandha tigi assenjata lill-konvenuta, b'dan li l-attur ghandu jithallas mill-konvenuta tal-*premiums* li huwa hallas minn mindu telqet il-konvenuta lejn l-Awstralja.

Illi jirrizulta wkoll li d-dar matrimonjali 71, Ave Maria, Brared Street, Birkirkara hija proprjeta' tal-genituri ta' l-attur u l-kamra tas-sodda, u l-kcina li hemm fl-istess fond huma parafernali ghall-attur, filwaqt li l-*appliances*, pjanu u hwejjeg personali tal-konvenuta huma parafernali taghha.

(7) Tichad din it-talba kwantu ghall-ewwel parti taghha b'dan li tilqa' din it-talba billi tordna illi l-attur jigi moghti pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.

(8) Tiddikjara li d-dar taz-zwieg ghandha tigi okkupata esklussivament mill-attur u minn uliedu bl-eskluzjoni tal-konvenuta.
(9) Tawtorizza lill-attur sabiex jirregistra, ossija jnizzel fir-Registru Publiku, s-sentenza moghtija minn din il-Qorti.

(10) Tipprojibixxi lill-istess konvenuta milli tkompli tuza kunjom l-attur a bazi ta' l-**artikolu 60 (2) tal-Kap 16.**

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------